**24 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Joseph Borg

*versus*

Nobbli Maria Testaferrata Bonici

**Appalt — Preskrizzjoni — Rinunzja — Korrispondenza — Art. 2253 (a) u 2214 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar, fost oħrajn, l-azzjonijiet ta' mastrudaxxi, bennejja, bajjada, u persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-press tal-opri jew tax-xogħol tagħhom, jew tal-materjal li jfornu.*

*Din il-preskrizzjoni, però, mhix applikabbli meta l-persuna li għamlet ix-xogħol tagħxxi għall-ħlas li hu dovut lilha għall-ispejjeż u d-drittijiet tiegħu "bħala appaltatur" għax-xogħol li sar għall-kommittent; u dan avvolja l-kommittent jikkontesta lill-attur il-kwalità ta' appaltatur u jallega li l-attur kien sempliċi bennej li għamel xogħol tal-ġebel, jekk il-*

*kommittent jinsisti li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiġi deċiża preliminarment. Għax, ladarba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tiġi deċiża preliminarment, il-Qorti għandha tħares, għall-finijiet tal-preskrizzjoni sollevata mill-kommittent, lejn id-domanda kif dedotta mill-attur. U allura, f'każ simili, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, li tolqot l-azzjoni, fost oħrajn, tal-kuntratturi ta' bini jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu.*

*Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita; u r-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissupponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.*

*Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni hija l-manifestazzjoni tal-volontà ta' min jirrinunzja; u mhux neċessarju illi l-kreditur jew is-sid, li bi profitt tiegħu ssir ir-rinunzja, jaċċettaha. Jekk, mbagħad, kienx hemm din ir-rinunzja taċita, din hi kwistjoni ta' apprezzament rimessa għall-ġudizzju u l-prudenza tal-ġudikant; u dwarha, għalhekk, ma hemmx normi u regoli "a priori". Biss, f'dan l-eżami għandu naturalment isehh il-prinċipju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja taċita, ċjoè illi l-fatt li minnu tiġi ndotta r-rinunzja taċita jeħtieġ ikun tali li ma jistgħax raġjonevolment jiġi nterpretat mod ieħor għajr illi min għamlu ried jirrinunzja; u jeħtieġ li l-Qorti tkun soddisfatta li dak l-għemil huwa inkompatibbli mal-volontà ta' min għamlu li javvantaġġja ruħu mill-preskrizzjoni akkwistata.*

*Fil-każ preżenti, il-kommittent, wara li kien għadda ż-żmien preskrizzjonali, irċieva ittra minn għand il-perit minnu mqabbad biex jiddiriġi xogħol ta' rikostruzzjoni ta' bini, fejn ġie mitlub iħallas il-bilanċ li kien baqagħlu jieħu l kuntrattur tax-xogħol tal-bini mqabbad mill-perit f'isem il-kommittent; u dan, minflok li ċaħad li baqagħlu jagħti xi bilanċ ta' dak ix-xogħol, daħal f'korrispondenza mal-perit fejn talab dettalji, għax deherlu li l-bilanċ mitlub kien iġib l-ammont tal-kont ogħla minn dak li kien oriġinarjament stmat għax-xogħol; u l-Qorti qatgħet illi b'dan l-atteġġjament tiegħu huwa rrinunzja għall-preskrizzjoni li kienet ġa maturata meta nbdiet dik il-korrispondenza; u dan avvolja*

*l-appaltatur, li talab il-ħlas ta' dak il-bilanċ, ma kellu ebda parti f'd'k il-korrispondenza.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tagħha r-Reġina, li bih l-attur, premess li bħala appaltatur tax-xogħlijiet li saru b'inkariku tal-konvenuta fil-fond il-Belt Valletta, Britannia Street numru 49, lill-attur imissu, għad-drittijiet u spejjeż tiegħu, is-somma ta' £186.9.0, skond il-kopja tal-kont magħmul mill-Perit Lewis Agius (dok. A), li minnhom il-konvenuta ħallset biss £100 akkont, u qegħedha tirrifjuta li tħallas il-bilanċ, talab, li, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur l-imsemmi bilanċ ta' £86.9.0 għar-raġunijiet fuq premessi. Bl-imgħax legali sal-ħlas effettiv; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet, li biha l-konvenuta opponiet li hija nkarigat lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Agius biex jagħmel ix-xogħolijiet in kwistjoni, u ġie stabbilit l-ammont ta' £100 ċirka bejniethom, u qatt ma kellha ebda relazzjoni mal-attur; subordinatament, illi x-xogħol għadu mhux kompletat, peress li hemm travu ħażin li skond l-arranġament mal-perit għandu jiġi sostitwit; u illi, salva l-ewwel eċċezzjoni, l-ammont mitlub hu eċċessiv, sija fil-kalkolu, u sija fil-fatt li l-materjal li l-esponenti forniet għax-xogħol mhux dedott;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-12 ta' Ottubru 1957, li biha dik il-Qorti, preliminarment, iddikjarat illi l-konvenuta hija debitriċi versu l-attur tal-appalt li hu eżegwixxa fil-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni fuq inkariku tal-Perit Agius bħala mandatarju tal-konvenuta, f'dak l-ammont li jkun jirriżulta f'dil-kawża, u f'dak is-sens ċaħdet l-eċċezzjoni opposta fl-ewwel lok mill-konvenuta; bl-ispejjeż kontra tagħha; wara li kkunsidrat;

Il-konvenuta nkarikat lill-Arkitett u Inġinier Ċivili Lewis Agius biex jieħu ħsieb diversi xogħolijiet fil-fond 49 Britannia Street, Valletta, u huwa nkarika lill-attur biex, taħt id-direzzjoni tal-istess perit, jeżegwihom. Il-perit spjega lill-attur quddiem il-konvenuta, u bl-approvazzjoni tagħha, dak li hija riedet, u hija kienet kontinwament tissorvelja x-xogħol, tant li l-attur kien ilmenta mal-perit li hija kienet tindaħallu kif iqiegħed it-travi u l-ġebel (fol. 44);

Il-konvenuta kienet tat lill-PeritAgius żewġ cheques ta' £50 l-wieħed, l-aħħar wieħed xi xahar qabel ma tlesta x-xogħol. Issa qegħedha topponi li bejnha u bejn il-perit kien ġie stabbilit l-ammont ta' ċirka £100 għax-xogħol, u li hija qatt ma kellha relazzjoni mal-attur;

*Omissis;*

Meta l-konvenuta nkarikat lill-Perit Agius, hija taċitament ikkostitwietu mandatarju tagħha fil-konfronti talpersuna li kellu jqabbad, u hekk tal-attur, biex taħt iddirezzjoni teknika tiegħu jeżegwixxi x-xogħol. Hekk, firrelazzjonijiet mal-attur il-perit kien qiegħed jirrappreżenta f'rapport ġuridiku lill-konvenuta, u kien jobliga lilha għaxxogħolijiet li hija xtaqet li jsiru u li sussegwentement rat isiru. Il-perit Agius assuma fuqu biss id-direzzjoni teknika tax-xogħol, u mhux l-appalt;

Għalhekk, il-pretensjoni tal-konvenuta, kif avanzata fl-ewwel parti tal-eċċezzjoni, mhix sostenibbli;

Rat in-nota tal-konvenuta, li biha appellat minn din is-sentenza, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza u tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tagħha, u tirriġetta t-talba tal-attur, jew tagħti l-provvedimenti konsegwenzjali opportuni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenuta fol. 131, li biha, subordina-

tament għall-eċċezzjoni tagħha li ma għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur, eċċepiet il-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar skond l-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili;

Rat in-nota ulterjuri tal-istess konvenuta fol. 132, li biha, subordinatament għall-eċċezzjonijiet l-oħra kollha ġa mogħtija, eċċepiet il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2254 tal-Kodiċi Ċivili;

*Omissis*;

Ikkunsidrat, fuq dawn l-eċċezzjonijiet;

Fl-ewwel lok, il-konvenuta eċċepiet kontra l-kreditu pretiż mill-attur il-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar kontemplata fl-art. 2253 tal-Kodiċi Ċivili. Evidentement, il-konvenuta qegħedha tirriferixxi — in vista tal-fatti tal-kawża — għall-paragrafu (a) ta' dak l-artikolu, li jsemmi, fost azzjonijiet oħra li ma għandhomx xejn x'jaqsmu mal-każ preżenti, l-azzjonijiet ta' mastrudaxxi, bennejja, bajjada, u persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħol tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

Issa, huwa ċar mill-ewwel illi dan il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli għall-azzjoni kif eżerċitata mill-attur. Fiċ-ċitazzjoni l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' bilanċ pretiż dovut lilu għal spejjeż u drittijiet tiegħu "bħala appaltatur" għax-xogħol li sar fil-fond tal-konvenuta. Huwa veru li l-konvenuta, quddiem l-Ewwel Qorti, ikkontestat dik il-kwalità lill-attur, u qalet li hu mhuwiex ħlief bennej li għamel ix-xogħol tal-ġebel u ma kienx bl-ebda mod il-kuntrattur tagħha (fol. 68). Iżda, għall-finijiet ta' din l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuta, li quddiem din il-Qorti nsistiet li tiġi deċiża preliminarment, wieħed għandu jħares, biex jiddeċidi liema hija l-preskrizzjoni applikabbli, lejn d-domanda kif dedotta fiċ-ċitazzjoni;

Għalhekk, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' tmientax il-xahar taħt l-art. 2253 (a) tal-Kodiċi Ċivili ma tistgħax

tiġi milqugħa, għax mhix applikabbli għall-każ; u hija miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

Ikkunsidrat;

Però, kif ġa ntqal, il-konvenuta eċċepiet ukoll kontra t-talba tal-attur il-preskrizzjoni ta' sentejn taħt l-artikolu 2254 (a), li jgħid li jaqgħu bil-preskrizzjoni bl-għeluq ta' sentejn, fost azzjonijiet oħra, l-azzjonijiet ta' kuntratturi ta' bini jew ta' xogħolijiet oħra ta' injam, ġebel jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjal li jfornu. Din hi l-preskrizzjoni li tgħodd għall-każ;

Iżda kontra tagħha l-attur oppona (1) illi l-attriċi nterrompiet din il-preskrizzjoni, jew irrinunzjat għaliha, bid-diversi ittri li kitbet lill-Perit Agius, u li kopja tagħhom tinsab fil-proċess, u bl-atteġġjament li ħadet s'issa fil-kawża; (b) u hi wkoll interrompiet il-preskrizzjoni bir-rikonjizzjoni ripetuta tad-dejn lejn l-attur magħmula mill-perit mandatarju tagħha;

Ikkunsidrat;

Dwar l-obbjezzjonijiet tal-attur taħt in-numru (1);

Ix-xogħol in kwistjoni, kif jidher mill-provi, sar mhux aktar tard mill-aħħar ta' Novembru 1951 (fol. 145 u 152). Il-pagamenti magħmulin mill-konvenuta, anki jekk suppost li saru akkont, ġew magħmula f'Novembru 1951 (fol. 84). Minn dan jiġi illi s-sentejn għall-preskrizzjoni kienu jgħalqu f'Novembru 1953. Issa, ma ġie b'ebda mod pruvat illi sa dak iż-żmien kien hemm (apparti mill-kwistjoni sollevata mill-attur taħt in-numru (2) hawn fuq) ebda att ta' interruzzjoni skond il-liġi. Il-Perit Agius xehed illi sal-1954 lill-konvenuta ma kellimha qatt fuq dan il-ħlas. Il-konvenuta wkoll xehdet illi sal-1954, ċjoè sakemm irċeviet l-ewwel ittra mill-Perit Agius eżibita fil-proċess, dan qatt ma semmielha li kien għad fadal xi bilanċ x'jitħallas lill-attur (fol. 152). Iżda fis-6 ta' Marzu 1954 bdiet bejn il-Perit Agius u l-konvenuta il-korrispondenza fil-fol. 58 tal-proċess, u l-attur isostni li biha l-konvenuta taċitament irrinunzjat

għall-preskrizzjoni talvolta kompjuta bl-għeluq taż-żmien favur tagħha;

Skond il-liġi, "ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita. Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissupponi l-abbandun tal-jedd akkwistat" (art. 2214 tal-Kodiċi Ċivili);

Hija dottrina komunement aċċettata illi r-rinunzja għall-preskrizzjoni hija manifestazzjoni unilaterali tal-volontà ta' min jirrinunzja, u mhux neċessarju illi l-kreditur jew is-sid, li bi profitt tiegħu ssir ir-rinunzja, jaċċettaha (v. Laurent, Vol. 32, para. 188; Giorgi, Vol. VIII, para. 360). Għalhekk, il-fatt illi l-korrispondenza in kwistjoni għaddiet bejn il-konvenuta u l-Perit Agius, u l-attur ma kienx fiha, mhux rilevanti taħt dan l-aspett, jekk fil-fatt b'dik il-korrispondenza l-konvenuta tassew għamlet rinunzja taċita. Issa, din hi kwistjoni ta' apprezzament rimessa għall-ġudizzju u l-prudenza tal-ġudikant, u dwarha, għalhekk, ma hemmx regoli "a priori". Biss, f'dan l-eżami għandu naturalment iseħħ il-prinċipju li jiggoverna kwalunkwe rinunzja taċita, ċjoè illi l-fatt li minnu tiġi ndotta r-rinunzja taċita jeħtieġ ikun tali li ma jistgħax raġjonevolment jiġi nterpretat mod ieħor għajr illi min għamlu ried jirrinunzja. Dan ifisser illi, biex jista' jingħad illi l-konvenuta rrinunzjat taċitament għall-preskrizzjoni issa eċċepita minnha, jeħtieġ illi l-Qorti tkun soddisfatta illi l-għemil tagħha huwa inkompatibbli mal-volontà tagħha li tavvantaġġja ruħha mill-preskrizzjoni akkwistata;

Il-Qorti, wara li qieset sewwa ċ-ċirkustanzi, hi tal-fehma illi da parti tal-konvenuta kien hemm rinunzja taċita. Infatti, meta l-Perit Agius bgħatilha l-kont tal-attur mal-ittra tiegħu tas-6 ta' Marzu 1954 (fol. 47), u talabha biex tħallas, jekk jista' jkun bla dewmien, il-bilanċ li kien dovut, hi ma rrespinġietx jew ċaħdet li kien għad għandha tagħti, jew qalet li kienet ħallset, jew ma tiftakarx jekk ħallsetx, iżda biss talbet id-dettalji dwar id-dati tal-kontijiet, prezz tal-materjal, u pagi tal-ħaddiema mpjegati fix-xogħol (fol. 49)...... Kien biss bl-ittra fol. 58, tat-8 ta' Ġunju 1956, li l-konvenuta l-ewwel darba ċaħdet li kienet responsabbli għad-dejn pretiż mill-attur;

Min dawn l-ittri jidher bla ebda ħjiel ta' dubju, illi sad-29 ta' Mejju 1956 il-konvenuta ma kienetx qegħedha tinnega d-domanda tal-attur; kull ma talbet kienu dettalji, għaliex dehrilha illi l-bilanċ mitlub kien iġib l-ammont totali ogħla minn dak li kien oriġinarjament ġie stmat għax-xogħol. Dan l-atteġġjament da parti tal-konvenuta, fi żmien meta t-terminu tal-preskrizzjoni kien ilu ferm li għalaq, mhux assolutament konċiljabbli mar-rieda tagħha li takkampa l-preskrizzjoni. Ta' min josserva illi fil-korrispondenza fuq imsemmija ma hemm ebda aċċenn, anqas fil-bogħod, għall-pretensjoni tal-konvenuta li hi ma kellha xejn x'taqsam mal-kont tal-attur, jew illi l-£100 li kienet ħallset fi-1952 kienu għas-saldu. Dak li kienet qegħedha tikkontesta impliċitament kien il-"quantum" tal-bilanċ pretiż mill-attur — ħaġa li hi riedet tivverifika. Hi riedet li "jsiru l-kontijiet". Kieku kien hemm xi dubju dwar din l-interpretazzjoni tal-atteġġjament tal-konvenuta, dan id-dubju neħħietu għal kollox hi stess fix-xhieda li tat quddiem din il-Qorti. Infatti, il-konvenuta qalet hekk: "Jiena lill-Perit Agius kont tlabtu dettalji l-għaliex deherli li l-kontijiet kienu tħawdulu, u allura kont ridt naf eżatt ta' hix kienu l-kontijiet għalbiex inkun nista' ngħidlu fejn huma l-iżbalji" (fol. 152 wara u 153). Dan ma jistgħax ħlief ifisser illi l-konvenuta "ma kienetx kuntrarja li tħallas", jekk, wara l-verifiki li riedet tagħmel, kien jirriżulta li tassew għandha tagħti. U dan preċiżament mhux konsistenti mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ara App. "Demarco vs. Zammit", 11.6.1943, Vol. XXXI-I-641); u jimporta rinunzja taċita;

Mid-data tal-aħħar ittra tal-konvenut lill-Perit Agius sakemm l-attur ippreżenta ċ-ċitazzjoni għaddew biss ftit xhur;

In vista' ta' dan ma hemmx bżonn li l-Qorti tippronunzja ruħha fuq is-sottomissjonijiet l-oħra tal-attur opposti għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuta, ċjoè illi din l-eċċezzjoni ma hix kompatibbli mal-eċċezzjonijiet l-oħra fil-meritu mogħtija mill-istess konvenuta, u illi l-preskrizzjoni kienet ġiet ripetutament interrotta bir-riko-

noxximent tal-kreditu tal-attur da parti tal-Perit Agius bħala mandatarju tal-konvenuta;

Għaldaqstant, din il-Qorti tiċħad ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn sollevata mill-konvenuta, bl-ispejjeż kontra tagħha;

U tordna li titkompla t-trattazzjoni.